# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 124/20TA**

**Edward Grima Baldacchino (384167 (M))**

**vs**

**Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar; Segretarju Permanenti Ewlieni; u Il-Kummissjoni dwar Servizz Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Edward Grima Bladacchino tas-27 ta' Jannar 2020;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Jannar 2020;

Rat ir-risposta tal-intimati tal-31 ta' Jannar 2020;

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Frar 2020 r-rikorrent irtira l-atti fil-konfront tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku;

Rat l-atti kollha u dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda imressqa mir-rikorrent fis-seduta tal-11 ta' Frar 2020;

Semgħet lill-abbli avukati tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti tar-rikors huma pjuttost sempliċi. Ir-rikorrent applika għall-vakanza għall-posizzjoni ta' *Assistant Director in the Industrial Property Registration Directorate-MEIB* u dan skont OPM. Circular No.5/2019 (ara dokumenti minn a' fol 6 sa a' fol 8). Fil-21 ta' Novembru 2019 hu ġie infurmat li ma ntgħażilx u li l-ewwel preferenza ħaditha Gabriella Darmanin li lanqas hija parti għal dawn il-proċeduri.

Konsegwentement ir-rikorrent ressaq petizzjoni quddiem il-Public Service Commission li kkonfermat ir-risultat preċedenti. Ir-rikorrent iħoss li sofra preġudizzju għaliex isostni li kellu jkun hu li jintgħażel. Jinsisti li jipposjedi il-kwalifiki u kwalitajiet kollha meħtieġa għal vakanza inkwistjoni u li għalhekk kellu jintgħażel hu u mhux il-persuna li ġiet magħżula. Fir-rikors tiegħu qal ukoll speċifikament it-tip ta' azzjoni li bi ħsiebu jagħmel u ċioe' dik termini tal-artiklu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta sabiex il-Qrati ordinarji jistħarrġu l-għemil amministrattiv dwar kif ġie trattat ir-rikorrent fl-episodju inkwistjoni.

Qabel xejn il-Qorti tfakkar liema huma l-elementi prinċipali sabiex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni. Jibda biex jingħad li biex jigi rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa,

imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-**digriet finali fl-ismijiet Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et , PA tat-13 ta' Mejju, 2014**:

"*Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.*"

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet Angelo Xuereb et noe vs Marin Hili et noe (Rikors Numru 3135/94)** tispjega:

*"… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara*

*li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …*".

Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati tagħna fosthom fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et (Rikors Nru. 3984/92) u Victor Mizzi vs Joseph Gasan et (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet Perit John Gambina vs Fithome Limited.**

Irid ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, il-**Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Sonia Grech pro et noe vs Stephanie Manfré** sostniet is-segwenti:

"*... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

Kif jingħad fl-istess rikors tiegħu, ir-rikorrent bl-azzjoni li ser jagħmel ser ikun qiegħed jimmira li jannulla, jinvalida jew iġib mingħajr effett id-deċizjoni li ttieħdet mill-intimati Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar u Segretarju Permanenti Ewlieni. Fir-rigward tal-

Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, ir-rikorrent irtira l-atti fis-seduta tal-11 ta' Frar 2020.

Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawn il-Qrati dejjem irritenew is-segwenti:

*" … … dan l-artikolu jagħti d-diskrezzjoni relattiva ("tista'") lill-Awtorita` u mhux lill-Qorti, u meta jkun każ ta' diskrezzjoni amministrattiva, il-Qrati ordinarji ma jistgħux jissostitwixxu d-diskrezzjoni tagħhom għal dik tal-Awtorita` kompetenti, imma jistgħu, meta jintalab ir-rimedju ta' judicial review, jaraw li, fl-ewwel lok, tiġi eżercitata dik id-diskrezzjoni, u, fit-tieni lok, li meta tiġi eżerċitata, id-decizjoni tkun wahda rite et recte (li, per eżempju, tkun deċizjoni intra vires il-poteri tagħha, li ma ttieħdetx bi ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali, u li ittieħdu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha rilevanti u ma ttieħdux in konsiderazzjoni fatturi irrilevanti). Id-deċiżjoni, pero`, ma teħodhiex il-Qorti, iżda din, f'każ li jirrizultalha xi difett fid-deċiżjoni jew fil-mod li ttieħdet, tħassar l-istess deċiżjoni u tibgħat il-każ lura lill-organu kompetenti biex dan jieħu d-deċiżjoni fil-parametri tal-liġi."* (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri tas-27 ta' Novembru, 2009 fl-ismijiet Carmelo Farrugia pro et -vs- L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et**).

Mir-rikors tal-esponent jemerġi li l-azzjoni li qed jgħid li ser jipproponi r-rikorrent tista' tirranġunġi finalita' sentenzjali waħda: tħassar id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Awtoritajiet intimati pero' mhux li jiġi dikjarat li huwa mistħoqq li jintgħażel hu. Kull ma jistgħu jagħmlu l-Qrati f'każ ta' azzjoni ai termini

tal-artiklu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta hu, fi kliem is-Sentenza fuq ċitata li f'każ li jirriżultalha xi difett fid-deċiżjoni jew fil-mod li ttieħdet, tħassar l-istess deċizjoni u tibgħat il-każ lura lill-organu kompetenti biex dan jieħu d-deċiżjoni fil-parametri tal-liġi.

Dan ifisser li jekk ir-rikorrent jirnexxi fil-pretensjonijiet sostanzjali tiegħu, kemm hu u kif oħrajn jitqegħdu fil-posizzjoni status quo ante quddiem dik l-Awtorita' li ***trid terga' tiddeciedi***. Din il-Qorti għalhekk, ma tistax tifhem xi preġudizzju ser isofri r-rikorrent anke jekk nel frattemp tinħatar il-persuna li intgħażlet għax jekk finalment jikseb suċċess bl-azzjoni tiegħu taħt artiklu 469A jkun ifisser li kollox jitħassar u kollox jerġa' jibda mill-ġdid. Lanqas ma huwa garantit li anke jekk isir hekk, ir-rikorrent ser bil-fors jintgħażel. Dan qiegħed jingħad għaliex jekk jerġgħu jinfetħu l-applikazzjonijiet għall-vakanza mill-ġdid, ma hemm xejn xi jżomm terzi oħrajn li japplikaw għaliha minbarra r-rikorrent u l-persuna l-oħra li tissemma' fir-rikors.

Għalhekk wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent ma irnexxilux jipprova li prima facie għandu jedd li jistħoqqlu jkun ittitulat ai fini ta' dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant għar-ragunijiet fuq imsemmija t-talbiet tar-rikorrent qed ikunu miċħuda.

Konsegwentement il-Qorti qegħdha tħassar u tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni maħrug provvisorjament fis-27 ta' Jannar 2020.

Bl-ispejjes ta' dawn il-proċeduri a' karigu tar-rikorrent.

**Mogħti kameralment illum, 21 ta' Frar, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**